MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Numru 15/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**JOE (JOSEPH) CIANTAR**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Joe (Joseph) Ciantar ta’ 40 sena iben Richard u Helen xebba Scerri, imwieled B’Kara fis-16 ta’ Mejju, 1966 u residenti Nru. 98, Triq Fleur-De-Lys, B’Kara detentur tal-karta ta’ l-identita’ 268366 (M) gie akkuzat talli:

1) fis-7 ta’ Mejju, 2005 ghall-habta ta’ 12.00 pm, waqt li kien fi Triq Fleur-De-Lys Birkirkara hebb ghal Maria Guzeppa Delicata ID. 546533(M) u kkagunalha feriti hfief

hekk kif iccertifikat Dr. Mirna Aoudi MD Re. No. 2839 ta’ l-isptar San Luqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra l-piena applikabbli skond il-ligi, tapplika l-art. 383, 384, 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Maria Guzeppa Delicata ID 546533M.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok VA3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum, l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikoli 221(1) u 222A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Joe (Joseph) Ciantar fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Joe (Joseph) Ciantar ghall-piena ta’ sitt (6) xhur prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’

sentejn (2) millum l-imputat Joe (Joseph) Ciantar jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Joe (Joseph) Ciantar b'obbligazzjoni personali ta' mitt liri Maltin (Lm100) li jzomm il-kwiet ma' Maria Guseppa Delicata ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joe (Joseph) Ciantar l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------